Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 22 ta' Settembru 2015
(OR. en)

11088/15

LIMITE

PV/CONS 42
JAI 587

PUBLIC

ABBOZZ TA' MINUTI

Suġġett:	It-**3405**laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea **(ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI)** li saret fi Brussell fl-20 ta' Lulju 2015 [1]

[1] Statements which the Council has decided to make public may be also found in Addendum 1 to these minutes.

WERREJ

Paġna

1. Adozzjoni tal-aġenda proviżorja 3

AFFARIJIET INTERNI

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A" 3

3. Abbozz ta' Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna spostata fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali 3

4. Abbozz ta' Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali 3

5. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja 4

6. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-dežinjazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu 4

7. Affarijiet oħra 4

ANNESS - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 5

*

* *

1. Adozzjoni tal-aġenda

10914/1/15 REV 1 OJ/CONS 42 JAI 564

Il-Kunsill adotta l-aġenda msemmija hawn fuq.

ATTIVITAJIET MHUX LEĠISLATTIVI

2. Approvazzjoni tal-lista ta' punti "A"

11046/15 PTS A 48

Il-Kunsill adotta l-lista ta' punti "A" kif elenkati fid-dokument 11046/15.

3. Abbozz ta' Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna spostata fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali

= Adozzjoni

10830/2/15 REV 2 ASIM 52 RELEX 592
9376/15 ASIM 31 RELEX 438 COMIX 250
+ ADD 1

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill approvaw il-Konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq u qablu dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u dawk nazzjonali, ta' 22 504 persuni spostati minn barra l-UE li huma fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali. It-test tal-konklużjonijiet li ntlaħaq qbil dwaru jinsab fid-dokument 11130/15.

Il-Ġermanja u Franza, id-Danimarka, l-Ungerija, ir-Rumanija, ir-Renju Unit, il-Liechtenstein u n-Norveġja għamlu dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Anness.

4. Abbozz ta' Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali

= Adozzjoni

10831/2/15 REV 2 ASIM 53
9355/15 ASIM 30 MIGR 30 COMIX 247
+ ADD 1

Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill approvaw ir-Riżoluzzjoni imsemmija hawn fuq u qablu dwar ir-rilokazzjoni mill-Italja u l-Greċja ta' 32 256 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali. Il-Ministri impenjaw ruħhom li jaġġornaw iċ-ċifri stabbiliti fl-Anness għar-Riżoluzzjoni sa Diċembru 2015 sabiex jintlaħaq in-numru globali ta' 40 000. It-test tar-Riżoluzzjoni li ntlaħaq qbil dwaru jinsab fid-dokument 11131/15.

Il-Kunsill, il-Kummissjoni, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u Franza, l-Estonja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Portugall u s-Slovenja, u r-Rumanija għamlu d-dikjarazzjonijiet li jinsabu fl-Anness.

5. Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja

= Approċċ ġenerali/Sitwazzjoni attwali u gwida għal ħidma futura
10832/15 ASIM 54
9355/15 ASIM 30 MIGR 30 COMIX 247
+ ADD 1

Wara t-tneħħija tar-riżervi li kien fadal, il-Kunsill approva l-approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja, kif jinsab fid-dokument 11132/15.

6. Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-deżinjazzjoni ta' ċerti pajjiżi terzi bħala pajjiżi ta' oriġini bla periklu

= Adozzjoni
10833/15 ASIM 55 COWEB 71

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq. It-test li ntlaħaq qbil dwaru jinsab fid-dokument 11133/15.

7. Affarijiet oħra

– **Summit tal-Belt Valletta**
= Punt ta' informazzjoni

L-Ambaxxatur Pierre Vimont, il-Mibgħut Speċjali tal-President tal-Kunsill Ewropew għas-Summit tal-Belt Valletta, informa lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni attwali tat-tħejjija tas-Summit.

– **Politika ta' ritorn tal-UE**
= Punt ta' informazzjoni

Il-Ministru Spanjol ippreżenta d-dokument informali tiegħu dwar ir-ritorn fejn jissuġġerixxi l-adozzjoni tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni f'Ottubru li ġej u l-istabbiliment ta' programm ta' ritorn tal-UE mill-2016. Il-Kummissarju Avramopoulos fakkar fiż-żewġ ittri tiegħu indirizzati lill-Ministri li jelaboraw fuq l-ideat tal-Kummissjoni rigward ir-ritorn u r-riammissjoni.

****

ANNESS

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-MINUTI TAL-KUNSILL

Rigward il-punt "B" nru 3: **Abbozz ta' Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna spostata fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali**

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA U FRANZA *

"Franza u l-Ġermanja huma lesti li jipparteċipaw bis-sħiħ fl-akkoljenza tar-refuġjati li qegħdin jaħarbu minn persekuzzjonijiet, b'mod partikolari mis-Sirja, l-Iraq jew l-Eritrea.

Abbażi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea, Franza ser tilqa', matul perijodu ta' sentejn, 6 752 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni mill-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni u 2 375 mill-programm ta' risistemazzjoni. Il-Ġermanja ser tilqa' sa 10 500 persuna mill-programm ta' rilokazzjoni, matul perijodu ta' sentejn, u 1 600 persuna mill-programm ta' risistemazzjoni.

Franza u l-Ġermanja jappoġġaw il-programm ta' rilokazzjoni u b'mod partikolari jfakkru li s-solidarjetà u r-responsabbiltà huma interkonnessi mill-qrib. F'dan ir-rigward, l-importanza tal-kundizzjonijiet maqbula li ġejjin ser tiġi enfasizzata b'mod partikolari:

– L-Istati Membri kollha tal-UE kkonċernati minn dawn il-programmi għandhom jieħdu sehem fihom, sabiex ikun hemm distribuzzjoni bbilanċjata tal-isforz;

– Fl-istess waqt li d-deċiżjoni ta' rilokazzjoni tidħol fis-seħħ, għandhom jitwaqqfu "hotspots" flimkien ma' faċilitajiet ta' akkoljenza nazzjonali (żoni ta' stennija) li jinsabu qrib il-punti ta' wasla fl-Istati Membri tal-ewwel dħul. Fi ħdan il-"hotspots", għandha tiġi stabbilita l-koordinazzjoni għar-rilokazzjoni bejn it-Task Force Reġjonali tal-UE (EURTF), it-timijiet ta' esperti operazzjonali u l-Istati Membri l-aktar esposti, li tippermetti l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' migranti fis-sistema Eurodac, u li ssir d-distinzjoni neċessarja bejn applikanti għall-asil li qegħdin jaħarbu minn persekuzzjonijiet u li ser jiġu rilokati fl-Istati Membri, u migranti illegali li ma jitolbux l-asil jew li l-applikazzjoni tagħhom ġiet rifjutata, u li jridu jiġu rritornati fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom;

– Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha jieħdu l-miżuri kollha biex jevitaw movimenti sekondarji ta' persuni rilokati u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jaċċetta mill-ġdid il-persuna rilokata b'mod immedjat fuq it-talba tal-Istat Membru l-ieħor.

– L-UE għandha wkoll tkompli taġixxi b'mod deċiżiv kontra l-immigrazzjoni illegali, inkluż billi teqred in-netwerks tat-traffikanti u billi tiżgura li l-migranti illegali jirritornaw fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom;

– L-akkoljenza tar-refuġjati għall-programmi ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni għandha tiġi introdotta matul perijodu ta' sentejn, sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà ta' dawn l-operazzjonijiet.

* Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

Franza u l-Ġermanja ser jagħtu attenzjoni partikolari lir-rispett ta' dawn il-kundizzjonijiet li huma essenzjali għall-bilanċ neċessarju bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà meħtieġa biex il-kriżi attwali tal-migrazzjoni tiġi ffaċċjata."

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA *

"Ir-risistemazzjoni fid-Danimarka ta' madwar 500 refuġjat fl-2015 hija bbażata fuq skema nazzjonali eżistenti ta' risistemazzjoni, li fiha kriterji u kundizzjonijiet li ntlaħaq qbil dwarhom bejn id-Danimarka u l-UNHCR. Ir-risistemazzjoni ta' madwar 500 refuġjat fl-2016 taħt l-iskema nazzjonali eżistenti ser tkun possibbli ladarba joħroġ l-eżitu tal-proċeduri nazzjonali għat-teħid ta' deċiżjonijiet."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"Minbarra l-implimentazzjoni tal-programm nazzjonali tagħha ta' risistemazzjoni għall-2015, b'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika ssottolinjata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25-26 ta' Ġunju u fil-Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill u b'kunsiderazzjoni tal-pressjonijiet enormi attwali fuq is-sistema tagħha ta' asil u migrazzjoni, għalissa l-Ungerija ma tistax tipproponi numru addizzjonali ta' postijiet ta' risistemazzjoni."

DIKJARAZZJONI MIR-RUMANIJA

"Ir-Rumanija tifhem li għandha turi solidarjetà u b'hekk taqbel mar-rilokazzjoni ta' 1 705 persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali (fi ħdan l-UE) u mar-risistemazzjoni ta' 80 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali (barra l-UE).

Dawn l-impenji huma mniżżlin taħt it-termini li ġejjin:

– Il-finanzjament neċessarju mill-UE għandu jiġi previst mill-Kummissjoni u għandha titnieda l-proċedura AMIF għall-allokazzjoni tal-fondi u l-implimentazzjoni tal-programmi;

– Ir-Rumanija taċċetta preferibbilment persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali u, kemm jista' jkun possibbli, mis-Sirja, peress li dawn għandhom perspettivi ta' integrazzjoni aħjar, u dan dment li l-proċeduri tat-trasferiment tagħhom huma żgurati mill-pajjiżi benefiċjarji;

– It-trasferiment ta' tali persuni fil-bżonn għandu jibda f'Novembru 2015."

DIKJARAZZJONI MIR-RENJU UNIT *

"Ir-risistemazzjoni fir-Renju Unit ser issir taħt skemi nazzjonali eżistenti. Din iċ-ċifra hija biss indikattiva abbażi tal-projezzjonijiet tal-attività ta' risistemazzjoni attwali. Dan mhuwiex għan iebes peress li wħud mill-iskemi ta' risistemazzjoni huma bbażati fuq il-ħtieġa, mhux il-kwota."

*

* *

* Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

DIKJARAZZJONI MIL-LIECHTENSTEIN

Il-Prinċipat tal-Liechtenstein b'dan jiddikjara r-rieda tiegħu li jipparteċipa fuq bażi volontarja fl-iskema ta' risistemazzjoni tal-Unjoni Ewropea kif stipulat fil-Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri adottati fil-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-20 ta' Lulju 2015, u li jipprevedu r-risistemazzjoni ta' 20 000 persuna spostata fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali, u li jagħmel dan permezz tal-programm nazzjonali tiegħu għar-risistemazzjoni ta' 20 ċittadin Sirjan fit-territorju tal-Prinċipat tal-Liechtenstein.
Fid-dawl tas-solidarjetà umanitarja u minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni attwali, il-Prinċipat ta' Liechtenstein diġà beda l-proċess ta' risistemazzjoni u ser ikun jista' jikkonkludi l-isforzi rispettivi tiegħu fl-2015."

DIKJARAZZJONI MIN-NORVEĠJA

"In-Norveġja ser toffri risistemazzjoni għal 3 500 persuna spostata mill-kunflitt fis-Sirja sal-aħħar tal-2016. 500 persuna ser jiġu risistemati matul il-bqija tal-2015, lil hinn mill-offerti li diġà saru lil persuni oħra fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. 3 000 persuna ser jiġu offruti risistemazzjoni fl-2016. Dwar dan tal-aħħar għad trid tittieħed deċiżjoni parlamentari formali. Ir-risistemazzjoni attwali ser titwettaq fi ħdan l-iskema regolari ta' risistemazzjoni Norveġiża, u abbażi ta' riferenzi tal-UNHCR."

Rigward il-punt "B" nru 4: **Abbozz ta' Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali**

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA *

"L-Awstrija tappoġġa din ir-riżoluzzjoni, iżda hi stess tiffaċċa pressjoni għolja b'mod sproporzjonat fuq is-sistema tal-asil tagħha. Minħabba din is-sitwazzjoni estremament diffiċili u l-impenn sproporzjonat fil-qasam tar-risistemazzjoni, l-Awstrija tista' tirċievi persuni li huma fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali fil-kuntest tar-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja biss jekk jew meta din is-sitwazzjoni diffiċili ma teżistix aktar."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA *

"Ir-Repubblika Ċeka tiddikjara li l-iskema ta' rilokazzjoni proposta hija temporanja, eċċezzjonali u l-parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka fiha hija volontarja. L-iskema proposta ma għandhiex tintroduċi aspett sistematiku ġdid fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. F'każ li jkun hemm aktar diskussjonijiet fil-futur dwar skema possibbli ta' rilokazzjoni permanenti, dawn għandhom iseħħu biss wara li l-funzjonament tal-iskema temporanja proposta jiġi vvalutat bir-reqqa, inklużi l-aspetti ta' movimenti sekondarji, l-impatt fuq il-persuni spostati u l-Istati Membri ta' rilokazzjoni u l-valur miżjud ġenerali tagħha għall-funzjonament ġenerali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE. Il-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità trid tiġi eżaminata bir-reqqa.

* Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

Ir-Repubblika Ċeka temmen li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja għandha tiġi rregolata min-natura inseparabbli tal-aspett tas-solidarjetà u l-aspett tar-responsabbiltà tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni.

F'dan ir-rigward, ir-Repubblika Ċeka tiddikjara b'mod ulterjuri li t-trasferimenti ta' rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja huma soġġetti għar-riżultati tanġibbli ta' dawk l-Istati Membri partikolari fir-rigward tar-reġistrazzjoni, l-identifikazzjoni u t-teħid tal-marki tas-swaba' tal-migranti kif ukoll il-progress fir-ritorn tal-migranti illegali li ma jikkwalifikawx għall-protezzjoni internazzjonali, inkluż mal-assistenza li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-kunċett ta' "hotspots".

Fl-aħħar nett, ir-Repubblika Ċeka tgħid li hija tikkunsidra l-kwistjoni tas-sigurtà interna bħala parti kruċjali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE. B'kont meħud ta' dan, il-possibbiltajiet kollha previsti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill għandhom jintużaw b'mod sħiħ fil-proċedura tar-rilokazzjoni, inkluż l-iskrinjar fuq il-post minn uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri ta' rilokazzjoni. "

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA U FRANZA [*]

"Franza u l-Ġermanja huma lesti li jipparteċipaw bis-sħiħ fl-akkoljenza tar-refuġjati li qegħdin jaħarbu minn persekuzzjonijiet, b'mod partikolari mis-Sirja, l-Iraq jew l-Eritrea.

Abbażi tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni Ewropea, Franza ser tilqa', matul perijodu ta' sentejn, 6 752 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni mill-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni u 2 375 mill-programm ta' risistemazzjoni. Il-Ġermanja ser tilqa' sa 10 500 persuna mill-programm ta' rilokazzjoni, matul perijodu ta' sentejn, u 1 600 persuna mill-programm ta' risistemazzjoni.

Franza u l-Ġermanja jappoġġaw il-programm ta' rilokazzjoni u b'mod partikolari jfakkru li s-solidarjetà u r-responsabbiltà huma interkonnessi mill-qrib. F'dan ir-rigward, l-importanza tal-kundizzjonijiet maqbula li ġejjin ser tiġi enfasizzata b'mod partikolari:

– L-Istati Membri kollha tal-UE kkonċernati minn dawn il-programmi għandhom jieħdu sehem fihom, sabiex ikun hemm distribuzzjoni bbilanċjata tal-isforz;

– Fl-istess waqt li d-deċiżjoni ta' rilokazzjoni tidħol fis-seħħ, għandhom jitwaqqfu "hotspots" flimkien ma' faċilitajiet ta' akkoljenza nazzjonali (żoni ta' stennija) li jinsabu qrib il-punti ta' wasla fl-Istati Membri tal-ewwel dħul. Fi ħdan il-"hotpsots", għandha tiġi stabbilita l-koordinazzjoni għar-rilokazzjoni bejn it-Task Force Reġjonali tal-UE (EURTF), it-timijiet ta' esperti operazzjonali u l-Istati Membri l-aktar esposti, li tippermetti l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' migranti fis-sistema Eurodac, u li ssir d-distinzjoni neċessarja bejn applikanti għall-asil li qegħdin jaħarbu minn persekuzzjonijiet u li ser jiġu rilokati fl-Istati Membri, u migranti illegali li ma jitolbux l-asil jew li l-applikazzjoni tagħhom ġiet rifjutata, u li jridu jiġu rritornati fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom;

– Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri kollha jieħdu l-miżuri kollha biex jevitaw movimenti sekondarji ta' persuni rilokati u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jaċċetta mill-ġdid il-persuna rilokata b'mod immedjat fuq it-talba tal-Istat Membru l-ieħor.

[*] Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

– L-UE għandha wkoll tkompli taġixxi b'mod deċiżiv kontra l-immigrazzjoni illegali, inkluż billi teqred in-netwerks tat-traffikanti u billi tiżgura li l-migranti illegali jirritornaw fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom;

– L-akkoljenza tar-refuġjati għall-programmi ta' risistemazzjoni u rilokazzjoni għandha tiġi introdotta matul perijodu ta' sentejn, sabiex tiġi ggarantita s-sostenibbiltà ta' dawn l-operazzjonijiet.

Franza u l-Ġermanja ser jagħtu attenzjoni partikolari lir-rispett ta' dawn il-kundizzjonijiet li huma essenzjali għall-bilanċ neċessarju bejn ir-responsabbiltà u s-solidarjetà meħtieġa biex il-kriżi attwali tal-migrazzjoni tiġi ffaċċjata."

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tilqa' l-progress li sar dwar l-istabbiliment ta' miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja. Madankollu, nixtiequ niġbdu l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġu stabbiliti proċeduri ta' rilokazzjoni li jistgħu jiġu implimentati malajr u b'mod effettiv sabiex jiġu ggarantiti l-aħjar kundizzjonijiet possibbli ta' akkoljenza għall-applikanti tal-protezzjoni internazzjonali u li jqassmu l-piż fuq l-amministrazzjoni Griega u Taljana tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Sabiex jinkiseb dan, l-Istati Membri riċeventi għandhom jitħallew jorganizzaw, f'kooperazzjoni mal-Italja u l-Greċja u l-aġenziji rilevanti, missjonijiet ta' fuq il-post li jipproċessaw applikazzjonijiet biex tingħata l-protezzjoni internazzjonali lill-applikanti. Dan għandu jtejjeb il-kwalità u jqassar it-tul tal-proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet, jippermetti l-evalwazzjoni tar-riskji possibbli u jippermetti tħejjija aħjar għall-akkoljenza tal-applikanti."

DIKJARAZZJONI MILL-GREĊJA *

"Filwaqt li tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25-26 ta' Ġunju 2015, fir-rigward tat-tisħiħ tas-solidarjetà u r-responsabbiltà interni b'rabta maż-żieda tal-assistenza ta' emerġenza lill-Istati Membri l-aktar esposti u t-tisħiħ tal-isforzi tagħha f'din iż-żona lejn l-Istati Membri li jirċievu l-akbar numru ta' refuġjati u applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, il-Greċja tixtieq tiċċara li hija marbuta mit-test tad-*DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja tal-20 ta' Lulju 2015* u r-*Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali u l-anness tagħha tal-20 ta' Lulju 2015* kif inhuma, mingħajr riżerva.

Il-Greċja tiddikjara wkoll li l-implimentazzjoni tal-*Konklużjonijiet tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar ir-risistemazzjoni, permezz ta' skemi multilaterali u nazzjonali, ta' 20 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali tal-20 ta' Lulju 2015* tiddependi fuq l-implimentazzjoni sħiħa u mingħajr ebda riżerva tad-*DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja tal-20 ta' Lulju 2015* u r-*Riżoluzzjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar ir-rilokazzjoni mill-Greċja u l-Italja ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali u l-anness tagħha tal-20 ta' Lulju 2015*."

* Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"B'kont meħud tas-sitwazzjoni speċifika ssottolinjata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju u b'kunsiderazzjoni tal-pressjonijiet enormi attwali fuq is-sistema tagħha ta' asil u migrazzjoni, għalissa l-Ungerija ma tistax tipparteċipa fl-implementazzjoni tal-miżuri proviżorji."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"Id-Deċiżjoni li tidentifika miżuri temporanji ta' protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja hija l-ewwel pass fi triq li trid twassal għall-iżvilupp ta' politika ġenwina kondiviża dwar il-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil.

Il-livell ta' solidarjetà mhuwiex dak li konna nixtiequ, lanqas mhuwa, għalissa, il-livell maqbul bejn il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern.

L-Italja temmen li, fl-interessi li jkun hemm bilanċ bejn is-solidarjetà u r-responsabbiltà, il-piż tqil ippreżentat lill-Istati l-aktar esposti jrid jiġi kkontrobilanċjat kif xieraq mill-isforzi ta' rilokazzjoni meħtieġa mill-Istati Membri l-oħra.

In-nuqqas ta' bilanċ jista' jdgħajjef il-pedament sħiħ tad-Deċiżjoni adottata, b'mod partikolari meta r-riżultati ma jippermettux li jintlaħqu l-miri ta' rilokazzjoni.

Rigward l-appoġġ tal-aġenziji Ewropej, aħna ser insegwu l-kundizzjonijiet previsti fir-regolamenti bażi tagħhom. "

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS *

"Il-pressjoni migratorja attwali fuq l-Italja u l-Greċja tirrikjedi dimostrazzjoni konkreta tas-solidarjetà mill-Istati Membri kollha. Għaldaqstant, in-Netherlands huwa lest li jagħti kontribut imdaqqas għar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-asil mill-Italja u l-Greċja f'konformità mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li jenfasizza li s-solidarjetà trid tmur id f'id mar-responsabbiltà. Fid-dawl ta' dan, in-Netherlands jagħti importanza partikolari lill-kontributi tal-Istati Membri l-oħra lill-mekkaniżmu tar-rilokazzjoni kif ukoll lill-fatt li l-Italja u l-Greċja ssodisfaw l-obbligi tagħhom taħt is-sistema Ewropea komuni tal-asil. Riżultati insuffiċjenti fir-rigward ta' dawn l-aspetti jistgħu jwasslu għal kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-impenn iddikjarat tan-Netherlands."

* Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppubblikati

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL U S-SLOVENJA

"Il-Portugall u s-Slovenja jilqgħu l-qbil li għadu kemm intlaħaq fil-Kunsill ĠAI, li jdaħħal fis-seħħ il-linji gwida stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, fost oħrajn dwar ir-rilokazzjoni ta' persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali mill-Italja u l-Greċja lejn Stati Membri oħra, kif ukoll ir-risistemazzjoni ta' refuġjati minn pajjiżi terzi.

Konxji tal-importanza imprezzabbli tas-solidarjetà Ewropea, il-Portugall u s-Slovenja kienu, mill-bidu nett, minn ta' quddiem fost dawk l-Istati Membri li esprimew id-disponibbiltà tagħhom biex jagħmlu sforz akbar, sabiex tintlaħaq soluzzjoni għal din is-sitwazzjoni eċċezzjonali u ta' emerġenza.

Peress li huwa ta' bżonn assolut li tingħata tweġiba urġenti u umanitarja, f'konformità mal-valuri Ewropej, u li tingħata tama ġdida ta' ħajja lil dawk li jeħtieġu appoġġ, il-Portugall u s-Slovenja ser ikomplu jikkooperaw b'mod attiv f'dan l-isforz kollettiv.

Għaldaqstant, u b'segwitu għall-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-Kunsill Informali ĠAI tad-9 ta' Lulju, u fil-laqgħa tal-COREPER II tas-16 ta' Lulju, il-Portugall u s-Slovenja jistiednu lill-Kummissjoni tipprovdi kjarifika ulterjuri dwar il-mekkaniżmi finanzjarji li ser ikunu disponibbli għall-Istati Membri li ser jipparteċipaw fil-miżuri ta' appoġġ għall-Italja u l-Greċja.

B'mod partikolari, u b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fil-laqgħa tal-COREPER II tas-6 ta' Lulju, il-Portugall u s-Slovenja jqisu li huwa rilevanti li l-Kummissjoni tispeċifika kif l-Istati Membri ser ikunu jistgħu jużaw il-finanzjament taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, kif ukoll il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, sabiex jiffaċċjaw l-implikazzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw mill-isforzi attwali ta' solidarjetà.

Barra minn hekk, il-Portugall u s-Slovenja jqisu li l-miżuri ta' appoġġ finanzjarju jridu jkunu żgurati permezz tal-ammonti previsti għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza, bħal dik li l-Ewropa qiegħda tħabbat wiċċha magħha bħalissa, filwaqt li ma jiġux ipperikolati l-objettivi strateġiċi u nazzjonali mniżżlin fil-Programmi finanzjarji approvati qabel."

DIKJARAZZJONI MIR-RUMANIJA

"Ir-Rumanija tifhem li għandha turi solidarjetà u b'hekk taqbel mar-rilokazzjoni ta' 1 705 persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali (fi ħdan l-UE) u mar-risistemazzjoni ta' 80 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali (barra l-UE).

Dawn l-impenji huma mniżżlin taħt it-termini li ġejjin:

– Il-finanzjament neċessarju mill-UE għandu jiġi previst mill-Kummissjoni u għandha titnieda l-proċedura AMIF għall-allokazzjoni tal-fondi u l-implimentazzjoni tal-programmi;

– Ir-Rumanija taċċetta preferibbilment persuni fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali u, kemm jista' jkun possibbli, mis-Sirja, peress li dawn għandhom perspettivi ta' integrazzjoni aħjar, u dan dment li l-proċeduri tat-trasferiment tagħhom huma żgurati mill-pajjiżi benefiċjarji;

– It-trasferiment ta' tali persuni fil-bżonn għandu jibda f'Novembru 2015."

DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL

"Din id-Deċiżjoni tal-Kunsill xxx ta' XXX 2015 tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja sabiex tappoġġahom biex ikampaw aħjar ma' sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn influss f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'dawn l-Istati Membri.

Il-Kunsill jirrikonoxxi li t-trasferiment tal-applikanti lill-Istati Membri ta' rilokazzjoni ser jinvolvi spejjeż sostanzjali għall-Italja u l-Greċja. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw jappoġġaw, permezz ta' arranġamenti bilaterali mal-Italja u l-Greċja, il-finanzjament ta' dawn l-ispejjeż.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra b'urġenza appoġġ ulterjuri għall-Italja u l-Greċja permezz ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI EWROPEA

"Il-Kummissjoni tieħu nota li l-għadd kbir ta' persuni li, skont din id-Deċiżjoni, l-Italja u l-Greċja jkollhom jittrasferixxu bi spejjeż tagħhom lill-Istati Membri l-oħra qed jikkawża piż organizzattiv u finanzjarju għal dawn iż-żewġ Stati Membri.

Il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li, minbarra l-Istati Membri l-oħra li jistgħu jgħinu fl-ispejjeż ta' trasferiment ta' persuni li għandhom jiġu rilokati abbażi ta' arranġamenti bilaterali speċifiċi mal-Italja u l-Greċja, appoġġ finanzjarju lil dawk iż-żewġ Stati Membri biex jiġu koperti mill-inqas xi wħud mill-ispejjeż ta' trasferiment jista' wkoll jiġi pprovdut abbażi tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, waqt li titqies l-eliġibbiltà ta' dawn l-ispejjeż taħt il-programmi nazzjonali tagħhom u b'kunsiderazzjoni tar-riżorsi ġestiti ċentralment tal-Fond.

Il-Kummissjoni ser teżamina l-fattibbiltà legali u baġitarja ta' aktar finanzjamenti minn qabel lill-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-modalità ta' implimentazzjoni finanzjarja applikabbli għal din id-Deċiżjoni (ġestjoni kondiviża).

Il-Kummissjoni ser teżamina wkoll, sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji, jekk l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandux ikun intitolat jirċievi s-somma f'daqqa mhux mal-wasla tal-applikant fit-territorju tiegħu iżda biss fi stadju aktar tard, pereżempju wara l-ewwel deċiżjoni tal-asil."